**MALTA**

**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Magistrat**
**Dr. Gabriella Vella B.A., LL.D.**

**Avviz Nru. 86/07VG**

**Maresco Trading Limited**

**Vs**

**Carmel sive Lino Chircop u Valley View Developments Limited u b'Digriet tal-21 ta' Novembru 2007 gie kjamat fil-kawza l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin bhala responsabbli ghall-obbligazzjonijiet legali tal-Voice of The Mediterranean**

**Illum 12 ta' Gunju 2017**

**Il-Qorti,**

Rat l-Avvizipprezentat mis-socjetà Maresco Trading Limited fit-30 ta' Marzu 2007 permezz ta' liema titlob li Carmel sive Lino Chircop u s-socjetà Valley View Developments Limited jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' elfejn tlett mija u disa' Liri Maltin u tmienja u tletin centezmu (Lm2,309.38) [illum ekwivalenti ghal €5,379.40], bilanc minn somma akbar rapprezentanti l-valur ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lilhom, liema bilanc huwa dejn cert, likwidu u dovut, bl-imghax kummercjali dekoribbli sad-data ta' l-effettiv pagament u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-Ittra Ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, kontra Carmel sive Lino Chircop u s-socjetà Valley View Developments Limited;

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet ta' Carmel sive Lino Chircop u tas-socjetà Valley View Developments Limited permezz ta' liema jeccepixxu illi: (i) in linea preliminari, Carmel sive Lino Chircop ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda, bl-ispejjez, stante li s-socjetà attrici *se mai* bieghet il-merkanzija in kwistjoni fuq istruzzjonijiet ta' The Voice of The Mediterranean u mhux taghhom; u (iv) ghandu jigi kjamat

fil-kawza il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin li huwa responsabbli ghall-obbligazzjonijiet legali ta' The Voice of The Mediterranean;

Rat li b'Digriet moghti fil-21 ta' Novembru 2007[1] gie kjamat in kawza l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin bhala responsabbli ghall-obbligazzjonijiet legali ta' The Voice of The Mediterranean;

Rat ir-Risposta tas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin bhala responsabbli ghall-obbligazzjonijiet legal ta' The Voice of The Mediterranean, permezz ta' liema jeccepixxi illi: (i) in linea preliminari, huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni mas-socjetà attrici izda biss mas-socjetà konvenuta Valley View Developments Limited; (ii) stante li l-avviz tal-kawza ma jaghtix dettalji dwar il-mertu tal-kaz, huwa jassumi li l-ammont mitlub jirrapprezenta prezz ta' *air conditioners* installati fil-proprjetà li minnha kien jopera r-radju Voice of The Mediterranean; (iii) ir-responsabilità tieghu ghal xi hlas li jista' jkun dovut minnu hi ghan-nofs tas-somma dovuta. Il-Voice of The Mediterranean huwa stazzjon tar-radju mwaqqaf bi shab bejn il-Gvern Malti u il-Gvern Libjan, immexxi bejniethom u finanzjat nofs bin-nofs. Ghalhekk il-Gvern Malti se mai hu responsabbli ghal nofs is-somma dovuta; (iv) filwaqt li jikkonferma li l-*air conditioners* in kwistjoni nxtraw u twahhlu fil-post, is-socjetà attrici trid iggib prova ta' l-ammont dovut;

Rat li b'Digriet moghti fl-20 ta' Frar 2012, il-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin, kjamat fil-kawza f'dawn il-proceduri bhala persuna responsabbli mill-obbligazzjonijiet legali ta' The Voice of The Mediterranean, gie awtorizzat iressaq Risposta ulterjuri;

Rat ir-Risposta Ulterjuri tal-kjamat fil-kawa s-Segretarju Permanenti fil-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin bhala responsabbli ghall-obbligazzjonijiet legali tal-Voice of The Mediterranean permezz ta' liema jeccepixxi li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Semghet ix-xhieda ta' Raymond Galea moghtija waqt is-seduta ta' l-14 ta' Frar 2008[2] u x-xhieda ta' Carmel sive Lino Chircop moghtija waqt is-seduti tas-26 ta' Mejju 2008[3], tat-23 ta' Frar 2009[4] u ta' l-4 ta' Frar 2010[5] u rat id-dokumenti esebiti minnu markati Dok. "CC" u Dok. "CC1" a fol. 38 u 39 tal-process u Dok. "CC" a fol. 48 sa' 60 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mis-socjetà attrici markati Dok. "M1" permezz ta' Nota pprezentata fit-23 ta' Frar 2009 a fol. 61 sa' 91 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Angela Azzopardi moghtija waqt is-seduti tal-25 ta' Ottubru 2010[6], tal-25 ta' Novembru 2010[7] u

---

[1] Fol. 20 tal-process.
[2] Fol. 30 sa' 32 tal-process.
[3] Fol. 34 sa' 37 tal-process.
[4] Fol. 46 u 47 tal-process.
[5] Fol. 128 sa' 130 tal-process.
[6] Fol. 136 u 137 tal-process.
[7] Fol. 139 u 140 tal-process.

tad-9 ta' Jannar 2012[8] u semghet ix-xhieda ta' Richard Muscat moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2011[9] u rat id-dokument esebit mill-kjamat fil-kawza l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin markat Dok. "A" permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Marzu 2011 a fol. 149 sa' 155 tal-process, rat id-dokumenti esebiti mill-konvenut Carmel sive Lino Chircop ipprezentati permezz ta' Nota pprezentata fit-8 ta' Frar 2011 a fol. 156 sa' 139 tal-process, semghet ix-xhieda ta' Alexander Vella moghtija waqt is-seduta tas-17 ta' Ottubru 2011[10] u x-xhieda ta' l-Avukat Dottor Philip Manduca moghtija waqt is-seduta tal-11 ta' Gunju 2012[11];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet tas-socjetà attrici a fol. 187 sa' 190 tal-process u rat in-Nota Responsiva tal-konvenuti u n-Nota ta' Sottomissjonijiet tal-kjamat fil-kawza, rispettivament a fol. 193 u 194 tal-process u a fol. 196 sa' 200 tal-process;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Bil-proceduri odjerni s-socjetà attrici titlob li l-konvenuti Carmel sive Lino Chircop u s-socjetà Valley View Developments Limited jigu kkundannati jhallsuha s-somma ta' Lm2,309.38 (illum ekwivalenti ghal €5,379.40), bilanc minn somma akbar, rapprezentanti l-valur ta' merkanzija minnha lilhom mibjugha u konsenjata, liema bilanc huwa dejn, cert, likwidu u dovut. Il-konvenuti jilqaghu ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, il-konvenut Carmel sive Lino Chircop ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju; (ii) preliminarjament ukoll l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; (iii) it-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li s-socjetà attrici *se mai* bieghet il-merkanzija in kwistjoni fuq istruzzjonijiet ta' The Voice of The Mediterranean u mhux taghhom; u (iv) ghandu jigi kjamat fil-kawza il-Ministru ta' l-Affarijiet Barranin li huwa responsabbli ghall-obbligazzjonijiet legali ta' The Voice of The Mediterranean.

Bhala fatt b'Digriet moghti fil-21 ta' Novembru 2007 gie kjamat fil-kawza l-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin bhala responsabbli ghall-obbligazzjonijiet legali ta' The Voice of The Mediterranean, b'dana ghalhekk li giet sorvolata r-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenuti u l-Qorti ma ghandhiex ghalfejn tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Il-kjamat fil-kawza laqa' ghat-talba attrici bis-segwenti eccezzjonijiet: (i) in linea preliminari, huwa ma ghandu l-ebda relazzjoni mas-socjetà attrici izda

[8] Fol. 178 u 179 tal-process.
[9] Fol. 142 sa' 146 tal-process.
[10] Fol. 175 u 176 tal-process.
[11] Fol. 184 tal-process.

biss mas-socjetà konvenuta Valley View Developments Limited; (ii) stante li l-avviz tal-kawza ma jaghtix dettalji dwar il-mertu tal-kaz, huwa jassumi li l-ammont mitlub jirrapprezenta prezz ta' *air conditioners* installati fil-proprjetà li minnha kien jopera r-radju Voice of The Mediterranean; (iii) ir-responsabilità tieghu ghal xi hlas li jista' jkun dovut minnu hi ghan-nofs tas-somma dovuta. Il-Voice of The Mediterranean huwa stazzjon tar-radju mwaqqaf bi shab bejn il-Gvern Malti u l-Gvern Libjan, immexxi bejniethom u finanzjat nofs bin-nofs. Ghalhekk il-Gvern Malti se mai hu responsabbli ghal nofs is-somma dovuta; (iv) filwaqt li jikkonferma li l-*air conditioners* in kwistjoni inxtraw u twahhlu fil-post, is-socjetà attrici trid iggib prova ta' l-ammont dovut. Apparte minn hekk eccepixxa wkoll li t-talba attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-provi prodotti essenzjalment jirrizulta li:

- In forza ta' skrittura privata datata 20 ta' Dicembru 2002[12], is-socjetà konvenuta Valley View Developments Limited tat b'titolu ta' lokazzjoni lill-Malta Environment & Planning Authority *the first and second floors, situated in Chircop Buildings with a main entrance from Triq iz-Zernieq and a side entrance from Msida Valley Road and six (6) car parking speaces...* ghall-perijodu ta' hames snin *di fermo* dekorribbli mill-1 ta' Dicembru 2002 u ghal perijodu ta' hames snin *di rispetto*, bid-dritt li *Tenant may sublet the Leased Premises to the Governments of Malta and the Libyan Arab Jamahiriyah for the running of the radio station known as Voice of The Mediterranean*;
- Bhala fatt il-fond mikri lill-Malta Environment & Planning Authority gie sullokat ghall-finijiet li minnu jista' jopera u jxandar l-istazzjon radifoniku The Voice of The Mediterranean;
- A tenur tal-Klawsola 2.02 ta' l-imsemmija skrittura privata *the Leased Premises are being granted on lease in the condition in which they are today: provided that Landlord undertakes to complete the Works on the Leased Premises by the 1 December 2002. The Works shall be the sole responsibility and at the cost of the Landlord. If Tenant requires any change to the Works, it shall make a request to Landlord who may, in Landlord's discretion, accept or reject any such request, it being understood that any request involving Landlord an additional expense will, if accepted, be implemented on condition that Tenant bears such expense*;
- Fost ix-xoghlijiet li kellhom jigu esegwiti skond il-Klawsola 2.02 ta' l-iskrittura privata, liema xoghlijiet huma elenkati fl-Exhibit B anness ma' l-istess skrittura[13], kien hemm l-installazzjoni ta' *air conditioning to offices (not including public areas)*;

[12] Dok. "CC" a fol. 48 sa' 60 tal-process.
[13] Fol. 60 tal-process.

- Għall-fini ta' l-esekuzzjoni ta' din il-parti tax-xogħlijiet li s-socjetà konvenuta obbligat ruħha li teseġwixxi a favur l-Inkwilin, l-istess socjetà konvenuta inkarigat lis-socjetà attrici, accettanti[14];
- Is-socjetà attrici wettqet l-inkarigu tagħha u llum tirreklama l-ħlas ta' bilanc dovut lilha fl-ammont ta' Lm2,309.38 (ekwivalenti għal €5,379.40).

Kif già iktar 'l fuq osservat il-konvenuti, fil-konfront ta' min ġiet istitwita l-azzjoni għall-ħlas da parte tas-socjetà attrici, eccepew, fost affarijiet oħra w in linea preliminari, illi: (i) il-konvenut Carmel sive Lino Chircop ma huwiex il-leġittimu kontradittur tas-socjetà attrici in kwantu ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika magħha; u (ii) li l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Liġijiet tal-Liġijiet ta' Malta. Ta' l-istess portata huma l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-kjamat fil-kawża li ma huwiex il-leġittimu kontradittur tas-socjetà attrici in kwantu ma għandu l-ebda relazzjoni ġuridika magħha izda għandha relazzjoni ġuridika biss mas-socjetà konvenuta Valley View Developments Limited, u l-eccezzjoni ulterjuri sollevata minnu fis-sens ukoll illi l-azzjoni attrici hija preskritta a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ser tibda billi tittratta dawn l-eccezzjonijiet qabel ma tittratta t-talba attrici fil-mertu u bħala fatt se tibda billi tittratta l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni bid-dekors ta' tmintax-il xahar applikabbli għal azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut – Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Liġijiet ta' Malta – sollevata kemm mill-konvenuti kif ukoll mill-kjamat fil-kawża.

Fil-fehma tal-Qorti, mill-provi prodotti jirrizulta b'mod car li dan il-kaz ma jittrattax dwar sempliċi negozju ta' bejgħ ta' *air conditioning units* bejn is-socjetà attrici u s-socjetà konvenuta izda, jittratta dwar inkarigu mogħti mis-socjetà konvenuta lis-socjetà attrici għall-provvista w installazzjoni ta' *air conditioning units* fil-fond minn fejn kien jopera u jxandar l-istazzjoni radiofoniku The Voice of The Mediterranean, fil-kuntest tax-xogħlijiet li l-istess socjetà konvenuta kellha twettaq fil-fond in kwistjoni a tenur tal-Klawsola 2.02 ta' l-iskrittura privata datata 20 ta' Dicembru 2002.

Dan joħroġ ferm car kemm mix-xhieda tal-konvenut Carmel sive Lino Chircop waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2008[15] fejn iddikjara li *jiena Direttur tas-socjetà Valley View Developments Limited. Fi żmien aħna krejna fond Birkirkara lill-Planning Authority li sussegwentement krietu lil Voice of The Mediterranean. Aħna konna ħriġna tender għal xi xogħlijiet li ġew mogħtija lil Maresco Trading Limited. Ix-xogħol illi konna tajna lil Maresco kien għal sistema ta' installazzjoni ta' l-air-conditioning*, kif ukoll mid-dokument a fol.

[14] Xhieda mogħtija minn Raymond Galea waqt is-seduta ta' l-14 ta' Frar 2008 a fol. 30 sa' 32 tal-process, xhieda mogħtija mill-konvenut Carmel sive Lino Chircop waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2008 a fol. 34 sa' 37 tal-process u Enclosure "B" esebit mis-socjetà attrici formanti parti mid-Dok. M1, a fol. 68 sa' 71 tal-process.
[15] Fol. 34 sa' 37 tal-process.

68 sa' 71 tal-process indirizzat mis-socjetà attrici lis-socjetà konvenuta fejn is-socjetà attrici iddikjarat *we thank you for awarding us the air-conditioning and ventilation parts of the above-project* (ossia *Voice of the Mediterranean Studios (part of) Mechanical & Electrical Services*) *as specified in sections 14 and 15 of the relative Bill of Quantities…*

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta *per se*, huwa principju ormai assodat illi *fil-kaz ta' bejgh "bl-imnut" huma kontemplati dawk kollha, kummercjanti jew le, li jbieghu oggetti ta' konsum gjornaljier, tant lil min hu kummercjant kemm lil min mhux. … Dan ifisser li fl-Artikolu 2148(b) tal-Ligi taghna tipprexxindi mill-kwalità tal-persuni w anzi ma tharisx lejn dik li tista' tkun abitwalment il-professjoni tan-negozjant imma thares lejn il-vendità partikolari in kwistjoni per se. … L-istess guriprudenza tistabilixxi imbaghad il-kriterju distintiv fundamentali bejn bejgh bl-imnut u bejgh bl-ingrossa billi tafferma illi fejn il-prezz reklamat huwa ghall-merce destinata biex dik tigi rivenduta jew manifatturata f'opra … jew fejn wiehed ibiegh lil persuni li jinnegozjaw fil-merce mibjugha u dan fi kwantità apprezzabbli, allura l-bejgh hu wiehed bl-ingrossa (Giuseppe Borg v. Dr. Giovanni Bonello et noe et, Appell Civili 22 ta' Gunju 1970). Ghalhekk il-grossista 'vende per lo più a coloro i quali commerciano della cosa comprata" mentri l-imnutant "vende per lo più a compratori e in piccole quantità misurata al bisogno di costoro". …*[16]

Applikati dawn il-principji ghall-fattispecie tal-kaz in ezami, fejn jigi ribadit li l-provvista u servizzi prestati mis-socjetà attrici kienu fil-kuntest ta' xoghlijiet li is-socjetà konvenuta obbligat ruhha li twettaq a favur The Voice of The Mediterranean, jirrizulta b'mod car li l-preskrizzjoni tat-tmintax-il xahar a tenur ta' l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, eccepita kemm mill-konvenuti kif ukoll mill-kjamat in kawza, ma tapplikax ghall-kaz in ezami.

Il-konvenut Carmel sive Lino Chircop jikkontendi li huwa f'ismu personali ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u fil-fehma tal-Qorti tali eccezzjoni hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Kif già iktar 'l fuq osservat, mill-provi prodotti jirrizulta ampjament ippruvat li is-socjetà attrici giet inkargiata tipprovdi u tinstalla *air conditioning units* bhala parti mill-Voice of The Mediterranean Studios Mechanical & Electrical Services mis-socjetà konvenuta. Dana jirrizulta kkonfermat mis-socjetà attrici stess li bhala parti mid-dokument Dok. "M1" a fol. 62 sa' 91 tal-process, esebiet *Enclosure B* li fi kliemha stess juri li *on 9/12/2006* [recte 2002] *we accepted from Valley View Developments Ltd. as subcontractors that part of their project relating to air-conditioning and ventilation for works they had to undertake at the studios of the Voice of the Mediterranean*[17]. Oltre dan, il-

[16] Pace Associates Limited v. Drawing Techniques Limited, Appell Civili Nru. 148/03 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fis-7 ta' Dicembru 2005.
[17] Fol. 63 u fol. 68 tal-process.

korrispondenza kollha relattiva ghal dan in-negozju u ghall-interpellazzjoni ghall-hlas dejjem giet indirizzata lis-socjetà Valley View Developments Limited hekk kif jirrizulta mid-dokumenti a fol. 66, 73, 75, 77, 79, 81 tal-process. Il-fatt li l-konvenut Carmel sive Lino Chircop huwa Direttur tas-socjetà konvenuta Valley View Developments Limited u kien hu l-persuna li avvicina u mexxa negozjati mas-socjetà attrici, ma johloqx bejn l-istess konvenut f'ismu personali u s-socjetà attrici relazzjoni guridika li minnha jitwieled xi obbligu ghall-hlas tal-bilanc pretiz minnha.

Fid-dawl ta' dan ghalhekk jigi ribadit li kif gustament eccepit mill-konvenut Carmel sive Lino Chircop, huwa f'ismu personali ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjetà li minnha jitwieled xi obbligu ghall-hlas tal-bilanc pretiz minnha, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Il-kjamat fil-kawza wkoll jikkontendi li huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà attrici peress illi huwa ghandu relazzjoni guridika biss mas-socjetà konvenuta Valley View Developments Limited. Fil-fehma tal-Qorti din l-eccezzjoni ghandha tigi trattata flimkien mat-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti, u cioè l-eccezzjoni li s-socjetà attrici se mai bieghet il-merkanzija fuq istruzzjonijiet ta' The Voice of The Mediterranean u mhux taghhom.

Waqt is-seduta tas-26 ta' Mejju 2008[18], il-konvenut Carmel sive Lino Chircop, Direttur tas-socjetà konvenuta, xehed illi *ahna konna hrigna tender ghal xi xoghlijiet li gew moghtija lil Maresco Trading Limited. Ix-xoghol illi konna tajna lil Maresco kien ghal sistema ta' installazzjoni ta' l-air-conditioning. Minkejja illi hadna t-tender, il-Voice of The Mediterranean kienu jghidu lilna sabiex naghmlu x-xoghol però kienu dejjem izidu xi haga ohra. Fuq dawn ahna konna nqabbdu lil Maresco. Din l-ahhar kumpannija kellha kuntatt dirett mal-Voice of the Mediterranean, ghalekk naghmilha cara li meta l-Voice of The Mediterranean kienet ordnat xoghol extra u ziedet fuq it-tender, l-ewwel li ma kienet tikkuntajja u tghid b'dan ix-xoghol lilna u cioè il-Valley View Developments Limited u ahna imbaghad naghtuh lil Maresco. Naf li x-xoghlijiet saru.* In kontro-ezami waqt l-istess seduta xehed illi *l-ammont li qed jintalab f'dan l-avviz huwa parti minn dawn ix-xoghlijiet zjeda li kienet ordnat il-Voice of The Mediterranean. Kien ghad però fadal bicca mit-tender originali li ghadha ma thallsitx li peress illi l-Voice of The Mediterranean baqghet izzid fuqu. Biex inkun car nerga' nirrepeti illi ghal dak li huwa t-tender originali ahna thallasna in toto però kien hemm parti mill-extra works li kienet ordnat il-Voice of The Mediterranean illi baqghu u ma thallsux u dan huwa l-bilanc li qieghed jissemma fl-avviz. Il-kuntatti li kienu jsiru ghal xoghlijiet extra kienu direttament bejn Maresco li ghaliha kien jidher is-Sur Raymond Galea u s-Sur Muscat li kien ic-Chairman tal-Voice of The Mediterranean. Kien hemm ukoll Ingineer li kien imqabbad mill-Voice of The Mediterranean, jigifieri ghal dak li huma affarijiet teknici d-*

[18] Fol. 34 sa' 37 tal-process.

*diskussjonijiet kienu jsiru direttament avolja bhalma digà ghidt fil-bidu nett, l-ewwel li ma tigi kkuntatjata kienet il-Valley View u imbaghad dina tghaddi x-xoghol lil Maresco. Naf illi per ezepmju saru pagamenti diretti bejn il-Voice of The Mediterranean u l-Maresco. Nesebixxi kopja tac-cekk bid-data 26 ta' Frar 2003 illi huwa hlas ghal xi xoghol illi sar mill-Maresco illi thallas direttament mill-Voice of The Mediterranean. Ghal bilanc tal-pagamenti li kien ghadu dovut kull meta jiena kont nikkuntattja lill-Voice of The Mediterranean, dawn kienu jghidulna li sejrin jithallsu però ghat-tender konna responsabbli ahna u cioè il-Valley View Developments Limited. Ahna bqajna ma thallasniex ghal bilanc dovut peress li fil-frattemp l-istazzjon Voice of The Mediterranean ghalaq. Ghal din il-parti ta' extra works is-socjetà Valley View ma thallsitx u allura ma stajniex nghaddu l-flus lil Maresco. Mistoqsi ghaliex il-Voice of The Mediterranean kienu jikkuntattjaw lilna, nghid illi dana ghaliex ahna konna krejna l-post, hadna wkoll it-tender u ghalhekk bilfors kellhom jikkuntattjaw lilna w anke minhabba meetings li ta' spiss kien ikollna. Meta krejna l-fond ahna nizzilna schedule ta' l-attrezzi li kien ikun hemm fil-fond inkluz il-kmamar bl-air-conditioning izda l-Voice of The Mediterranean kienet iddecidiet li taghmel air-conditioning kullimkien inkluz il-public areas. Allura dan kien zieda fuq it-tender originali.*

Fil-fehma tal-Qorti din ix-xhieda tal-konvenut turi b'mod car bejn min kienu r-relazzjonijiet guridici pertinenti ghall-kaz in ezami u min bejn il-konvenuti, jew ahjar is-socjetà konvenuta u l-kjamat fil-kawza, huwa responsabbli ghall-hlas pretiz mis-socjetà attrici bil-proceduri odjerni.

Il-konvenut jaghmilha ben cara li r-relazzjonijiet guridici fil-kaz in ezami kienu: (a) bejn is-socjetà konvenuta u l-Voice of The Mediterranean vis-à-vis il-kirja tal-fond lill-istess Voice of The Mediterranean u x-xoghlijiet li kellhom jigu esegwiti ghall-Voice of The Mediterranean; u (b) bejn is-socjetà konvenuta u s-socjetà attrici vis-à-vis il-provvista w installazzjoni ta' *air-conditioning units* fil-fond mikri lill-Voice of The Mediterranean. L-unika skuzanti li jgib ghall-fatt li il-bilanc pretiz mis-socjetà attrici baqa' ma thallasx huwa li tali bilanc jirrapprezenta xoghlijiet *extra* ordnati mill-Voice of The Mediterranean u li ghalhekk skontu ghandhom jithallsu mill-istess Voice of The Mediterranean. Tali skuzanti però hija guridikament u fattwalment infondata.

Jibda biex jigi osservat illi mid-dokument esebit mis-socjetà attrici a fol. 68 sa' 71 tal-process u mir-rendikont u *statements of account* esebiti mis-socjetà attrici a fol. 73, 77, 79, 89 u 91 tal-process, liema dokumenti ma gew bl-ebda mod attakkati jew kontradetti mill-konvenuti, jirrizulta li l-unika parti mix-xoghlijiet ordnati minghand is-socjetà attrici li huma indikati bhala *extras* huma *condensate pumps* ghal valur totali ta' Lm460.00, illum ekwivalenti ghal €1,071.51, li jifforma parti zghira mill-bilanc pretiz mis-socjetà attrici b'dawn il-proceduri. Apparte minn hekk huwa principju guridiku assodat illi *meta jinghata xoghol b'zieda waqt li jkun qieghed jitwettaq appalt, u ma*

*jkunx sar ftehim gdid, dak ix-xoghol zejjed ghandu jitqies bhala estensjoni ta' l-appalt kif miftiehem fil-bidu, bl-istess rata ta' hlas. F'kaz li jitnissel dubju jekk kienx sar ftehim gdid u sakemm ma ssirx prova ta' ftehim xort' ohra, xoghol zejjed li jitwettaq f'appalt li fih ikun sar ftehim dwar il-hlas, jitqies bhala estensjoni ta' dak l-appalt mhares bl-istess ftehim*[19].

Fid-dawl ta' dan appena osservat jinghad illi ma tressqet l-ebda prova li dwar l-*extra works* imsemmija mill-konvenut fix-xhieda tieghu, kien hemm ftehim gdid bejn is-socjetà attrici u l-Voice of The Mediterranean, anzi l-istess konvenut jishaq li l-ordnijiet mas-socjetà attrici dejjem saru mis-socjetà konvenuta u mhux mill-Voice of The Mediterranean. Ghalkemm il-konvenut jghid li tali ordnijiet kienu jinghataw mis-socjetà konvenuta ghan-nom tal-Voice of The Mediterranean, minn imkien ma' jirrizulta li s-socjetà attrici giet infurmata li xi xoghlijiet partikolari kellha tithallas ghalihom direttament mill-Voice of The Mediterranean u mhux mis-socjetà konvenuta skond il-ftehim li kellha ma' din ta' l-ahhar. F'tali rigward japplika l-principju li *hija haga minn lewn id-dinja li normalment bniedem jikkontratta ghalih innifsu, sakemm ma jindikax li qieghed jikkontratta f'isem haddiehor, jew jekk dan ma jindikahx espressament, il-kontraent l-iehor ikun ragonevolment jaf illi jkun qieghed jikkontratta f'isem haddiehor*[20].

Fil-kaz in ezami s-socjetà attrici kienet taf li l-beneficjaru ahhari tax-xoghlijiet esegwiti minnha kellu jkun il-Voice of The Mediterranean izda l-ftehim kien li ghal tali xoghlijiet tithallas mis-socjetà konvenuta, ftehim dan li ma jidhirx li gie b'xi mod varjat tul il-kors tax-xoghlijiet. B'hekk is-socjetà konvenuta hija responsabbli ghall-hlas lis-socjetà attrici, anke jekk ghax-xoghol allegatament *extra* baqghet ma thallsitx mill-Voice of The Mediterranean.

Ghal kull fini jigi osservat li ghalkemm il-konvenut esebixxa *cheque* mahrug mill-Voice of The Mediterranean lis-socjetà attrici ghall-valur ta' Lm7,26.61[21], liema pagament skond kif indikat mill-istess Voice of The Mediterranean kien *requested part less retention 805.18*[22], ma jirrizultax b'mod sodisfacenti li dan il-pagament kien effettivament hlas ghal xoghlijiet esegwiti mis-socjetà attrici fil-fond mikri lill-Voice of The Mediterranean mis-socjetà konvenuta. Apparte il-fatt li tali pagament ma huwiex rifless fir-rendikonti esebiti mis-socjetà attrici, rendikonti li jigi ribadit ma gewx kontestati, Richard Muscat, li fiz-zmien kien Chairman tal-Voice of The Mediterranean xehed illi *mistoqsi jekk huwiex minnu li wara li l-Voice of The Mediterranean tqabbdu jaghmlu xoghlijiet mill-Valley View, il-Voice of The Mediterranean direttament qabdithom jaghmlu xi xoghlijiet ohra, nghid li jiena ma niftakarx li kien sar hekk. Il-Maresco kienu fuq il-lista tal-kredituri tal-Voice of the Mediterranean ghar-raguni li kellhom retention money ghadu gej minn*

[19] Alfred Vella Borg v. Accountant General et, Citaz. Nru. 692/73 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Ottubru 2005.
[20] Camel Brand Co. Ltd. v. Michael Debono et, Appell Civili Nru. 1184/01 deciza fis-7 ta' Ottubru 2005.
[21] Dok. "CC" a fol. 38 tal-process.
[22] Dok. "CC1" a fol. 39 tal-process.

*xoghol li kien sar fi zmien meta konna l-Furjana. Nerga' nghid li fiz-zmien meta konna l-Furjana hdimna kemm-il darba mal-Maresco*[23].

Apparte dan appena osservat jigi ulterjorment osservat ukoll li fin-nuqqas ta' prova sodisfacenti li kien hemm jew inholqot relazzjoni guridika diretta bejn is-socjetà attrici u l-Voice of The Mediterranean, tali relazzjoni guridika zgur ma tistax tinholoq jew tigi ppruvata bis-semplici pagament da parte taghha lis-socjetà attrici u dana in bazi ghall-principju guridiku li *l-obbligazzjoni tista' ukoll tigi mitmuma bil-hlas maghmul minn terza persuna li ma jkollhiex interess fiha, basta li ma tigix imdahhla fil-jeddijiet tal-kreditur* – Artikolu 1148(2) tal-Kodici Civili. *Minn dan it-test tal-ligi huwa desumibbli illi l-kreditu la jista' jaderixxi u lanqas jirrifujta l-offerta tal-hlas mit-terz. Dan huwa argomentat ukoll minn dak precizat fl-Artikolu 1149(1) tal-Kap.16. F'kull kaz però l-obbligu tal-pagament jibqa' guridikament dejjem fuq id-debitur tal-kreditur*[24].

Fid-dawl ta' dan kollu osservat ghalhekk jirrizulta li kif gustament eccepit mill-kjamat fil-kawza, huwa ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u quindi ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Min-naha l-ohra però ma hijiex gustifikata l-eccezzjoni tal-konvenuti, jew ahjar f'dan l-istadju tas-socjetà konvenuta, li ghall-hlas tas-somma pretiza mis-socjetà attrici huwa responsabbli l-kjamat fil-kawza u mhux hi in kwantu jirrizulta b'mod car li l-bilanc pretiz mis-socjetà attrici huwa effettivament lilha dovut mis-socjetà konvenuta.

Stabbilit li bejn is-socjetà attrici u l-kjamat fil-kawza ma hemm ebda relazzjoni guridika u konsegwentement l-istess kjamat fil-kawza ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju, il-Qorti ma tqisx li ghandha ghalfejn tikkonsidra u tittratta l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-istess kjamat fil-kawza fir-Risposta tieghu tal-21 ta' Dicembru 2007 u ghaldaqstant tastjeni milli tiehu konjizzjoni taghhom.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad it-tieni eccezzjoni tal-konvenuti u l-eccezzjoni ulterjuri tal-kjamat fil-kawza, in kwantu l-Artikolu 2148(b) tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta invokat minnhom mhux applikabbli ghall-kaz in ezami;
2. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti u tiddikjara li l-konvenut Carmel sive Lino Chircop ma ghandux relazzjoni guridika mas-socjetà attrici u ghaldaqstant tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;
3. Tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-kjamat fil-kawza u tiddikjara li l-istess kjamat fil-kawza bhala persuna responsabbli ghall-obbligazzjonijiet legali ta' The Voice of The Mediterranean ma ghandux relazzjoni

[23] Xhieda moghtija waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2011, a fol. 142 sa' 146 tal-process.
[24] Pardi Enterprises Limited v. Joseph Farrugia et, Appell Civili – Ghawdex Nru. 34/98 deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fl-10 ta' Lulju 2003.

guridika mas-socjetà attrici, u ghaldaqstant tilliberah mill-osservanza tal-gudizzju;

4. Tastjeni milli tieghu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet l-ohra sollevati mill-kjamat in kawza fir-Risposta tal-21 ta' Dicembru 2007;
5. Tastjeni milli tieghu konjizzjoni tar-raba' eccezzjoni sollevata mill-konvenuti;
6. Tichad it-tielet eccezzjoni sollevata mill-konvenuti; u
7. Konsegwentement tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjetà Valley View Developments Limited thallas lis-socjetà attrici s-somma ta' €5,379.40, ekwivalenti ghal Lm2,309.38, bl-imghax legali dekoribbli mit-18 ta' Ottubru 2007, id-data tal-prezentata tan-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenuti, sad-data ta' l-effettiv pagament.

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri, inkluz ghalhekk l-ispejjez tal-kjamat fil-kawza, flimkien ma' l-ispejjez relattivi ghall-Ittra Ufficjali mahruga a tenur ta' l-Artikolu 166A tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandhom jigu sopportati interament mis-socjetà konvenuta Valley View Developments Limited.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**